MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**PADOVANI JACQUELINE LL.D.**

Seduta ta' 16 ta' Ottubru, 2002

Numru. 841/2002

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
RAYMOND BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Borg ta’ 48 sena bin Joseph u Pauline xebba Borg imwieled Mellieha fid-19 t’April 1954 u joqghod 497, Triq il-Qortin Mellieha u bin-numru tal-karta tal-identita 364854M talli fil-11 t’Ottubru 2002 fi Triq il-Mosta Lija saq ix-xarabank DBY 409:
B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jre professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku u ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Elsie Towner bil-passaport 301162496 skond kif iccertifika Dr Anthony Gatt MD ta’ l-Isptar San Luqa u aktar talli ikkaguna hsara involontarja fuq il-

proprjeta tal-Gvern cioe zewg sigar li l-ammont taghhom huwa taht il-hamsin lira maltin.
B’manjiera perikoluza, traskurata, u negligenti:
Naqas li jzomm l-istess xarabank DBY 409 fuq in-naha tax-xellug tat-triq.
Saq l-istess vettura b’giri eccessiv.
Naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega u jaqbez vettura ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tal-14 t’Ottubru 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza.

Illi ghal rigward tal-piena, din il-Qorti evalwat dak sollevat mid-difiza, u cioe illi x-xoghol tal-imputat huwa ta’ sewwieq ta’ xarabank, illi dan kien qed jaghmel manuvra ta’ sorpass, il-bus qabdet il-kurdun tal-bankina, hadet il-central strip u wahda mill-passiggieri tal-bus imbezqet il-barra mill-bus.

D-difiza rriteniet illi s-sewqan tal-imputat kien aktar vicin sewqan negligenti milli sewqan perikoluz.

Id-difiza rriteniet wkoll illi l-imputat m’ghandux fedina penali li turi xi storja ta’ sewqan hazin u ghaldaqstant il-Qorti mhiex qed titratta ma persuna li huwa “a menace on the roads” u ghalhekk ma’ kenitx indikata piena karcerarja.

Illi ghar-rigward ta’ sospensjoni tal-licenzja d-difiza waqt li rrimettiet ruhha, fakkret lill-Qorti li l-ghexien tal-imputat u l-familja tieghu gej mis-sewqan u ssollecitat lill-Qorti

takkorda semmai perjodu ta’ sospensjoni relattivament qasir.

Ikkunsidrat:-

Illi d-dinamika tal-incident trid bilfors tigi ezaminata biex wiehed jasal ghal piena gusta u proporzjonata ghal kaz.

Fil-qosor, l-imputat kien qed jsuq xarabank mimlija sal-kapacita taghha, u bi tminn passiggieri weqfin (ara l-ewwel xhieda ta’ imputat Borg fol 12 ta’ Dok VA).

Ix-xhieda okkulari kollha li huma mhux biss il-familjari tal-vittma izda wkoll xhieda indipendenti (ara xhieda ta’ Maria Dolores Sultana fol 21) kollha indikaw illi l-imputat kien qieghed jippika ma sewwieq iehor ta’ xarabank u qieghed jipprova jaqbzu.

Illi x-xarabank l-iehor rass ix-xarabank tal-imputat b’konsegwenza li l-imputat tilef il-kontroll, tela fuq is-centre strip u l-mara anzjana li kienet fuq quddiem imbezqet minn gol-vettura. Illi l-imputat fit-tieni xhieda tieghu ghamel ammissjoni pjena u qal li: “pprovajt naqbzu biex nitkessah. Dan ma laqatniex izda rassejt mas-centre strip zzejjed u qbadt ir-rota maghha u bqajt tiela.”

L-imputat issobieh verament ta’ dak li gara.

Illi l-vittma Elsie Towner ta’ 69 sena li giet Malta ghal btala spiccat bi: 1.Frattura tat-temporoparietal region tal-lemin;
2.Frattura tal-clavicle tax-xellug;
3.Frattura tal-iscapula ix-xellugija;
4.Fratturi ta’ sitt kustilji fuq in-naha tax-xellug mir-raba l-isfel u kienet fil-periklu tal-mewt. (ara relazzjoni ta’ Dr Mario Scerri)

Ikkunsidrat:-

Illi fl-isfond ta’ dawn il-fatturi kollha li taw lok ghal dan l-incident sfortunat, din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li rriteniet id-difiza, hi tal-fehma illi s-sewqan tal-imputat

javvicina sewqan perikoluz hafna aktar minn sewqan negligenti.

Dak li gara, gara biss b’rizultat ta’ pika bejn zewg adulti b’imhuh ta’ vavi. Kienet tkun manuvra traskurata li kieku l-imputat kien qed jsuq b’xarabank vojta. Li wiehed jattenta tali manuvra, ghal pika, b’xarabank mimlija nies u b’nies bil-wieqfa, juri agir “bordering on recklessness”.

Illi din il-Qorti taghraf illi l-ammissjoni tal-imputat timmerita tnaqqis fil-piena skond l-ahhar gurisprudenza (ara Reppublika ta’ Malta vs Nicholas Azzopardi Qorti Kriminali datata 24/2/1997, Pulizija vs Dennis Cuschieri Appell Kriminali datata 7/1/1999) u din il-Qorti akkordat tali tnaqqis fis-sens illi minflok piena karcerarja immedjata akkordat piena sospiza.

Mhux biss hekk, ghal dak pero illi jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja il-Qorti akkordat piena ta’ sospensjoni li tibbilancja l-entita tal-incident stradali u it-tnaqqis f’punizzjoni minhabba ammissjoni bikrija u mehud kont wkoll il-fatt illi l-imputat jiddependi mis-sewqan ghall-ghixien tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 226, 325 u 28A tal-kap 9 kif emendat bl-Art 40 tal-Att nru 3 ta’ 2002, Art 15(1)(a) u (2) tal-kap 65, 71 sa 75, 141, u 105 tal-Highway Code u tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal erba snin u tissospendielu l-licenzja ghal perjodu ta’ sena.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.